# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2024.

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 35/2022 ISB**

**Tamara Jane Caruana (ID 95373M), Paul Caruana (ID 753360M), Clarissa Caruana (ID 355793M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Tamara Jane Caruana et**, intavolat fis-16 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

1. ***TORDNA** illi isem is-socjeta Cissa Limited (C 36023) terga tidhol fir-Registru tas-Socjetajiet a tenur tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta bil-konsegwenzi kontemplati mil-imsemmi artikolu fosthom illi*

*mal-konsenja mir-Registratur tal-Qorti, lir-Registratur tal-Kumpanniji ta' kopa ufficjali tal-ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti ghar-registrazzjoni il-kumpannija Cissa Limited (C 36023)ghadha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar; u*

2. ***TAGHTI*** *dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa biex il-kumpannija Cissa Limited (C 36023) titqieghed fl-istess pozzizzjoni kemm jista jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar; u*

3. ***TORDNA*** *li kopja ufficjali tas-sentenza ossia ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti tigi notifikata jew konsenjata mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi l-esponenti huma membri u diretturi tas-socjeta' Cissa Limited (C 36023)*

2. *Illi huma ma rcevew l-ebda ittra minghand ir-Registratur tal-Kumpanniji fejn jitlob lil-esponenti sabiex jinformawh jekk il-kumpanija Cissa Limited (C 36023)ghadhiex f'operazzjoni liema ittra ma gietx debitament notifikata lil-istess esponenti u lanqas giet ricevuta fl-indirizz registrat tal-kumpannija;*

3. *Illi lanqas ma rcieva l-ittra msemmija mibghuta fl-ebda indirizz iehor.*

4. *Illi huma saru jafu bl-azzjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji meta vverifikaw l-affarjiet mal-Malta Business Registry u saru jafu li s-socjeta giet struck off bhala defunct fis-17 ta' Gunju 2021.*

5. *Illi ghalhekk huwa ma setghax jwiegeb ghal din l-ittra ghaliex huwa ma rcieva xejn.*

6. *Illi huma ma rcevew l'ebda twissija mibghuta mir-Registratur tal-Kumpaniji li kien ser jipprocedi bl-istralc tal-kumpanija a tenur tal-Artikolu 325(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittri huma ovjament m'ghandhomx f'idejhom.*

7. *Illi fil-fatt s-socjeta in kwistjoni kienet qieghda tahdem sabiex tigbor d-dokumentazzjoni rikjest u tigi in regola meta giet stralcjata mir-*

*registratur, u qieghda fil-process li tipprezenta d-dokumenti kollha mehtiega fil-mori ta' dawn il-proceduri;*

8. *Illi ghalhekk f'dawn ic-circostanzi r-rikorrenti ghandu kull interess li jsolvi din l-problema u li s-socjeta Cissa Limited (C 36023) terga titpogga fuq r-registru.*

9. *Illi ghalhekk, l-esponenti ghandu kull interess illi din il-kumpannija terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u dana that il-provvedimenti tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 dwar il-Kumpanniji, billi l-imsemmija kumpannija ghadha topera sal-lum;*

Rat **id-digriet** tagħha tal-25 ta' Marzu 2022 minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Mejju 2022 fil-11:15a.m.

Rat illi fis-26 ta' Mejju 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 8) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Cissa Limited (C 36023) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fit-13 ta' April 2005;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tissottometti l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tar-regolament 8(1) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija de quo u lis-soċjeta' direttriċi tagħha, Clarissa Property Holdings Limited (C 40089) sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa 130A, Archbishop Street, Valletta, u kif ukoll lill-uniku soċjeta' direttriċi tagħha, li għandha l-istess indirizz reġistrat, datati 8 ta' Frar 2021 (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur);*

*Illi għalhekk jidher b' mod ċar illi uħud mir-rikorrenti iġifieri Paul Caruana u Clarissa Caruana ma kellhom ebda involviment dirett fil-kumpanija Cissa Limited (C 36023) filwaqt illi r-rikorrenti rimanenti, jiġifieri Tamara Jane Caruana kienet azzjonista ta' sehem wieħed biss fil kumpanija msemmija;*

*Illi fis-17 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi f'dawn l-avviżi l-kumpanija ġiet infurmata illi ġaladarba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha, skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija f'każ li ma jirċievi l-ebda tweġiba għall-ewwel ittra fi żmien xahar, u tweġiba għall-avviż fi zmien tliet xhur;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqa' qatt ma rċieviet xi tip ta' risposta la mingħand il-kumpanija u lanqas minn terzi persuni u*

*għaldaqstant fis-17 ta' Ġunju 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru ai termini tal-Artikolu 325 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji. Fil-fatt it-talbiet taghhom kellhom jigu ndirizzati ai termini tas-subregolament 4 tar-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subregolament 6 tal-istess Regolament jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi ta' min wieħed issemmi illi f' kawza oħra pendenti quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti fl-ismijiet William England fil-kwalita tiegħu ta' amminstratur għan-nom u fl-interess ta' Madliena Village Owners Association vs Reġistratur tal-Kumpaniji kien diġa ġie mitlub illi l-isem tal-istess kumpanija, iġifieri Cissa Limited (C 36023), jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru;*

*Illi jrid jiġi nnotat ukoll kif is-soċjeta' direttriċi ta' Cissa Limited, u ċioe Clarissa Property Holdings Limited (C 40089) hija wkoll is-soċjeta' azzjonista maġġoritarja tal-istess Cissa Limited. Madanakollu, Clarissa Property Holdings Limited ġiet ukoll imħassra minn fuq ir-Reġistru (annessi u mmarkati bħala Dok. 'B', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) nhar is-17 ta' Ġunju 2021 għall-istess raġuniijiet, u ċioe illi naqset mill-obbligi tagħha illi tissottometti l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tar-regolament 8(1) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk iż-żewġ kumpaniji jerġaw jitpoġġew fuq ir-Reġistru skont kif mitlub fir-rikors promotur, tali kumpaniji għandhom jissottomettu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa inkluż dik dwar is-sidien benefiċċjarji tagħhom u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpaniji in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditriċi ta' dawn iż-żewġ kumpaniji hija stess u għaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa l-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali, kontijiet annwali u*

*dokumentazzjoni relatata mal-informazzjoni dwar is-sidien beneficċjarji, li jammontaw għal eluf ta' ewro;*

*Illi di piu', il-pagamenti dovuti fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal **EUR 700** u **EUR 560**, dovuti mingħand Cissa Limited u Clarissa Property Holdings Limited rispettivament;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji fuq ir-Reġistru li m'humiex in regola mal-Att dwar il-Kumpaniji u l-liġijiet sussidjarji tagħha għal żmien indefinit;*

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2023, deher l-Avukat Daniel Buttigieg għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2023, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi kollha tas-soċjeta` Cissa Limited kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huma azzjonisti u diretturi tal-kumpanija **Cissa Limited (C 36023)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-17 ta' Ġunju 2021, qed jitolbu illi l-kumpanija msemmija terġa' tiġi ri-integrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li għandhom interess li l-kumpanija tibqa' operattiva għax fil-fatt għadha topera n-negozju tagħha.

Illi r-rikorrenti ddikjaraw mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi huma kienu lesti li jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Cissa Limited (C 36023) u fil-fatt iddikjaraw li lesti jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex jkun f'pożizzjoni li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-*

> *ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Cissa Limited (C 36023) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw, inkluż l-interess tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri in kwantu illi l-kumpanija għadha fil-fatt qed tmexxi negozju.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellhom ir-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti żammew kelmithom u l-promessa magħmula mill-istess rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Cissa Limited (C 36023)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Cissa Limited (C 36023)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Cissa Limited (C 36023)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**